MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 77/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Eric Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Eric Zammit talli fit-28 ta’ Awissu 2007 ghall-habta ta’ 11.45 p.m. gewwa r-residenza Flat 3, Ent.D, Binja Nigret Zurrieq:

(1) Kiser il-mistrieh u l-bon ordni pubblika b’ghajjat, storbju jew mod iehor;

(2) Hebb ghall-mara tieghu Charmaine Zammit u ghat-tifla Shianne Zammit;

(3) Ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-mara tieghu Charmaine Zammit skond kif iccertifika Dr. David Fenech MD tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

(4) Kiser sentenza tal-Qorti tal-Familja (Magt. Dr. A.J. Vella LLD) datata 11 ta’ Gunju 2007 fejn giet applikata Sec. 383(1) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali ta’ Malta taht penali ta’ Lm500 kif ukoll xahar prigunerija sospiz ghal sena mid-data tas-sentenza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Marzu 2008, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Eric Zammit hati ta’ l-ewwel u r-raba’ imputazzjonijiet u ghaldaqstant illiberatu minnhom, filwaqt li sabitu hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu ghal xahrejn prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Eric Zammitipprezentat fis-17 ta’ Marzu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati u tirrevokaha ghall-kumplament, billi tillibera minn kull akkuza u piena, u fi kwalunkwe kaz tirriforma dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwel Qorti ma kellhiex tibqa’ miexja fuq certifikat b’affidavit meta ma giex notifikat lilu u ghalhekk ma kellux l-opportunita` li jharrek ix-xhud ghall-kontro-ezami. Inoltre c-certifikat ma kienx finali ghax jghid li kienu feriti “salv komplikazzjonijiet”; (2) L-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-fatti; (3) Il-piena hi fi kwalunkwe kaz esagerata. Dawn se jigu kkunsidrati *seriatim*.

Permezz ta’ l-ewwel aggravju tieghu l-appellant jilmenta dwar il-fatt illi l-affidavit tat-tabib Dott. David Fenech ma giex notifikat lilu qabel is-seduta halli jkollu b’hekk l-opportunita` javza sabiex it-tabib jitla’ jixhed *viva voce*.

Dwar dan l-ilment l-appellant m’ghandux ragun. Filwaqt li huwa minnu li l-affidavit tat-tabib Fenech ma giex notifikat minn qabel lill-appellant, mill-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Marzu 2008 quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta li f’dik is-seduta l-prosekuzzjoni esebiet kemm l-affidavit imsemmi kif ukoll l-affidavit ta’ P.S. 1448 Victor Buttigieg. Jigifieri l-anqas l-affidavit ta’ P.S. Buttigieg ma gie notifikat lill-appellant minn qabel, izda dwaru l-appellant ma jilmenta xejn. Dan l-istat ta’ fatt pero` kien ifisser li l-appellant kellu dritt jitlob li l-ewwel Qorti tiddifferixxi l-kawza sabiex jigu ngunti dawn iz-zewg xhieda, jew min minnhom, ghall-kontro-ezami. Mill-verbal imsemmi tat-12 ta’ Marzu 2008 ma jirrizultax li saret tali talba. Anzi dak li jirrizulta hu li hekk kif il-prosekuzzjoni ddikjarat li ghalqet il-provi, xehed mill-ewwel l-appellant (allura imputat). Ghalhekk l-appellant ma jistax issa f’dan l-istadju jilmenta li ma kienx gie notifikat minn qabel bl-affidavit.

L-appellant jilmenta wkoll illi c-certifikat anness ma’ l-affidavit mhuwiex finali peress illi jghid li l-offizi riskontrati kienu ta’ natura *“hafifa sakemm ma jinqalghux komplikazzjonijiet”*. Hawn ukoll l-appellant m’ghandux ragun peress illi c-certifikat huwa car meta jitkellem dwar offizi ta’ natura hafifa. Jekk hemm komplikazzjonijiet dawn jistghu jirrizultaw mill-provi li l-anqas hu essenzjali li jkunu permezz tax-xiehda ta’ tabib[1]. U l-komplikazzjonijiet jistghu biss iwasslu biex il-kondizzjoni tal-persuna feruta tmur ghall-aghar.

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu b’hekk respint.

It-tieni aggravju ta’ l-appellant jehtieg apprezzament mill-gdid tal-provi.

[1] Ara p. ez. Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi**, 30 ta Lulju 2004; **Il-Pulizija v. Peter Azzopardi**, 10 ta’ Jannar 2005.

L-appellant jghid fir-rikors ta’ appell tieghu li P.S. 1448 Victor Buttigieg kellem kemm lill-mara kif ukoll lir-ragel. Ir-ragel *a tempo vergine* qal dak li kien gara. Il-mara fir-rapport taghha taccetta in parti dak li qal ir-ragel li hu kien rieqed id-dar u hija dahlet ghall-habta ta’ nofs il-lejl. Ghax ma hadimx il-fan taghha, u hija ssoponiet li ma hadimx htija tieghu, marret u haditlu r-*remote control* ta’ l-*airconditioner*. L-appellant isostni li huwa qalilha biex tmur torqod fil-kamra fejn kien hemm l-*airconditioner* izda minflok hija allegat li kien sawwatha. Skond l-appellant, jekk wiehed jezamina c-certifikat mediku, malajr jinduna li dak it-tbengil fuq mara li ghandha *complexion fair*, naturali li kultant ikollha tbengil li ma jkunx kagunat minn swat. Jinsisti li hemm dubbji serji dwar l-allegati feriti. L-ugiegh tal-halq, per ezempju, ma jinghadx kif gara u jekk kienx hemm sinjali ta’ dmija jew li juru li kien hemm xi daqqa. L-appellant josserva li l-mara ma gabitx lil bintha biex tixhed u tikkonferma dawn il-fatti.

L-appellant jghid li cahad kategorikament mill-bidu u l-verzjoni tieghu hi ghal kollox li tista’ titwemmen. Kif gara l-incident, ikompli l-appellant, juri l-aggressivita` tal-mara, ghaliex kienet hi li marret fil-kamra tieghu ghax dehrilha li kien hu li ghamlilha hsara fil-fan. Huwa jichad dan il-fatt ghaliex mhux darba jew tnejn li oggett mekkaniku li jahdem bl-elettriku jista’ habta u sabta jieqaf milli jiffunzjona. Il-mara tieghu wahhlet fih ghax riedet taqbad mieghu u forsi tipprovokah. Ghamlet gudizzju sommarju hafna u ddecidiet li kien htija tieghu u marret tiehu s-sodisfazzjon.

Huwa zbaljat li xi konjugi jaggredixxi lill-iehor, izda huwa hazin li wiehed jemmen li dejjem l-irgiel jaqbdu man-nisa u li vice-versa mhux possibbli, jikkonkludi l-appellant.

Din il-Qorti semghet ix-xiehda ta’ Charmaine Zammit u ta’ l-appellant. M’hemmx dubju li l-incident in kwistjoni qam wara li mart l-appellant dahlet id-dar, sabet il-fan fil-kamra taghha mhux jahdem, ikkonkludiet li kien ghamillu xi haga zewgha l-appellant u dahlet fil-kamra tieghu fejn akkuzatu mill-ewwel li kien hu li miss il-fan. L-appellant innega u hija haditlu r-*remote control* ta’ l-*airconditioner*. Dan mhuwiex

provokazzjoni li, kif kwazi jippretendi l-appellant, kien b'xi mod jiggustifika r-reazzjoni tieghu, reazzjoni li, ghalkemm negat minnu, din il-Qorti hi sodisfatta li kienet wahda vjolenti. Dan mhux qieghed jinghad biss in vista tax-xiehda ta' Charmaine Zammit stess izda anke in vista tac-certifikat mediku rilaxxat ftit hin biss wara l-incident minn Dr. David Fenech fic-Centru tas-Sahha tal-Floriana. Id-dubji dwar l-offizi li garrbet Charmaine Zammit huma ghalhekk biss fl-immaginazzjoni ta' l-appellant. L-appellant ma jistax jitwemmen l-anqas peress illi filwaqt illi meta xehed quddiem din il-Qorti cahad anke li kien xejjer xi daqqa lit-tifla, mill-affidavit ta' P.S. 1448 Victor Buttigieg jirrizulta li meta kellem lill-appellant u saqsieh fuq it-tifla, l-appellant qallu "li kien ta daqqa fuq saqajha bhala dixxiplina ghax kienet qalet kliem mhux xieraq".

Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant fil-mertu huwa michud.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid illi ghandu 37 sena u qatt qabel ma kien hemm l-icken kontravvenzjoni. Mess mal-Qorti wara li ghamel is-separazzjoni, kien ilhom separati ghal erba' snin u kien biss meta bdiet relazzjoni ma' terza persuna li beda l-inkwiet. Jghid: "Huwa kien gie kkundannat ghal xahar prigunerija sospiza f'sentenza ohra. L-esponenti qajjem li ma kienx hem mil-prova legali u gie liberat fuq ir-raba' akkuza. Imma l-anqas hu fair li jkun hemm kundanna ghall-prigunerija ghaliex tonqos il-prova tar-recidiva jew ksur tas-sentenza sospiza, imma tasal ghall-istess rizultat."

Issa, kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tfisser f'diversi sentenzi taghha, bhala regola hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti jekk din il-piena tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn, oggettivament riskontrabbli, x'jindika li din kellha tkun anqas minn dik li effettivament inghatat[2]. Fi kliem iehor, fuq appell dwar il-piena, din il-Qorti, bhala regola, ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-

[2] Ara, fost ohrajn, ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Borg u John Sultana*** App. Krim. 3/2/05.

Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive" [3].

Fil-kaz in ezami l-piena ghar-reat kontemplat fit-tielet imputazzjoni hija ta' prigunerija ghal mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa filwaqt li l-pieni ghar-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni huma dawk tal-kontravvenzjonijiet. Issa f'dan il-kaz l-ewwel Qorti ddecidiet li tinfliggi piena ta' xahrejn prigunerija. Dan ifisser illi l-piena taqa' fil-parametri tal-ligi.

L-appellant jghid li qatt qabel ma kien hemm l-icken kontravvenzjoni. Mill-fedina penali aggornata tieghu jidher, almenu *prima facie*, li fit-3 ta' Marzu 1993 kien gie kkundannat mill-Qorti tal-Magistrati ghall-hlas ta' ammenda wara li nstab hati li ghamel l-awrina fit-triq. Imbaghad b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati tal-11 ta' Gunju 2007, <u>kif jammetti hu stess fir-rikors ta' appell</u>, kien inghata sentenza ta' prigunerija sospiza ghal sena. Mill-fedina penali jidher li kien anke ntrabat b'garanzija taht l-artikolu 383 tal-Kap. 9 b'dik l-istess sentenza u dan wara li nstab hati li uza forza fuq il-mara tieghu u kkagunalha feriti ta' natura hafifa f'wiccha.

Bil-fatt li l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant perijodu ta' xahrejn prigunerija permezz tas-sentenza appellata ma jfissirx illi kienet qed iggib fis-sehh is-sentenza sospiza ta' prigunerija. L-anqas ma jfisser li dik il-Qorti kienet qed tapplika l-artikoli dwar recidiva – fi kwalunkwe kaz kien ikun applikabbli biss l-artikolu 49 tal-Kap. 9 u mhux ukoll l-artikolu 50 tal-Kap. 9 peress illi l-perijodu operattiv ta' sena kien ghadu ma ddekorriex.

L-ewwel Qorti applikat il-piena in kwistjoni fid-diskrezzjoni taghha, wara li semghet ix-xiehda, kif ghamlet din il-Qorti, u kienet b'hekk qed tikkundanna, kif tikkundanna bla rizerva din il-Qorti, il-madmad ta' vjolenza domestika.

Ghal dawn il-motivi:

---

[3] ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Marco Zarb*** App. Krim. 15/12/05.

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------